MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2011

Numru 639/2011

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR FABIAN FLERI**
**KONTRA**

**JOSEPHINE LIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Josephine Lia ta’ 46 sena, bint Joseph u Nancy nee’ Johnson, mwielda Pieta’ fl- 4 ta’ Lulju 1964, residenti 25, Triq San Pietru u San Pawl, Isla u detentrici tal- Karta tal-IDentita’ bin- numru 360164M;

Li giet mressqa quddiemna sabiex twiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli nhar it- 30 ta' April 2011, ghall- habta ta' bejn il-17.00hrs u s- 19.15hrs gewwa Triq ic- Crieki, M'Skala, volontarjament hasret, ghamlet hsara jew gharqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamlet hsara f' vettura bin- numru JAS006 ta' ghamla Mercedes, liema hsarat huma ta' aktar minn €1164.7 ghad- dannu ta' Romina Gatt u Mohammed Samir Geriwa;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnha wara li l-Qorti tatha zmien xieraq skond il-ligi sabiex tikkonsidra sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissietha bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f'din il-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma kollha elenkati fl-istqarrija tal-imputata esebita fl-atti, fejn hemm ammissjoni taghha, u huma fil-qosor is-segwenti. L-imputata kellha relazzjoni ma' Mohamed Samir Geriwa fil-passat, izda minkejja li din spiccat hi baqghet tittama li ghad jergghu jkunu flimkien. Saret taf, izda, li hu kellu relazzjoni ma' persuna ohra, Romina Gatt, u ghalhekk biex tpattiha lilhom ghamlet vendikazzjoni fuq il-vettura taghhom. Bl-ammissjoni taghha, il-Qorti tista' ghalhekk tghaddi minnufih ghas-sentenza fil-konfront taghha.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l- Artikolu 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputata hatja u ghaldaqstant tikkundannaha hames (5) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------